## TAHT L-ANESTETIKU

*Ta'* Lino Farrugia Bonnici

Ftit imħeddel — b'żegħil bosta
Imidduk fuq sodda iebsa;
Waqt bla ħsejjes tilmaħ riesqa
Nies imgħammda — l-abjad liebsa.

Sabiex tiġbed in-nifs qawwi
Tisma' leħen iwissik;
Imbagħad tinżel dik il-maskra
Biex tisirqek minn sensik...

...Issa tisma' donnha xita
Nieżla b'riħa t'ilma żahar*;
Tħoss qed nifsek jinqatagħlek,
Wiċċek tħossu vampa nar.

Kollok biża' — qalbek tferfer,
Tara ċpar quddiem għajnejk...
Tisma' għajat, tisfir u ħsejjes
Qed idamdmu ġo widnejk.

Waqt li l-kliem ta' dawk madwarek
Jonqsu — jitfu — qajl jitbiegħdu...
Demmek taħsbu qed jinġazza,
Idejk tħoss bil-bard jitriegħdu.

U tistħajlek qiegħed tifga,
Tilmaħ mewġ iħebb għalik;
Kwiekeb jiġru — dwal jitliegħbu,
Tħoss qed kollox idur bik.

Għalkemm agħma — nofsok mejjet,
Widnejk torox — rasek tqila;
Sabiex tneħħi dik il-maskra
Tagħti salt b'kemm għandek ħila....

Iżda dlonk tħoss min iżommok,
U malajr saħħtek tħallik;
Int tistħajlek ġisem mejjet
Bil-mewġ igħaddsek u jgħollik...

U ma ddumx ma tħossok nieżel
F'raqda — f'dalma — f'qiegħ bla qies...
Imbagħ'd tqum — imdawwar b'siekta
U b'dehwiena ġemgħa nies.

* Din hija r-riħa li għandu l-"Ethyl Chloride" li jintuża fil-bidu ta' l-Anestesija.



# Dwar l-istorja tal-ferrovija

*Ta'* Ġuż. Dimech Debono

Kien sewwa sew bħal-lum 20 sena illi s-Sinjura Ferrovija wara t-telfa ta' żewġha t-Tram ħalliet ħajjitha minxura minn tulha fl-hekk għadu msejjaħ "Stazzjon tal-Ħamrun", sabiex irnexxielha ssalva lis-Sinjuri Char-a-bancs, benefatturi enerġiċi tal-poplu Malti.

U kif bir-raġun kollu l-Gvern qed b'tifkira ta' dan l-għoxrin anniversarju jfakkarha b'ismijiet ta' toroq ġodda f'Birkirkara, f'Santa Venera, jekk mhux ukoll f'xi bnadi oħra, hekk ukoll hu xieraq li aħna niċċelebraw dan l-anniversarju b'dawn il-kelmtejn fuq l-istorja ta' ħajjitha sabiex kulħadd ikun jaf bilmerti kbar tagħha minsuġin minn fost il-ferħ u l-għali li għallimħabba tagħna hija ġarrbet bl-akbar sabar.

Kien ilu mela żmien jinħass kif minħabba n-nuqqas ta' mezzi tat-traffiku, il-Maltin ta' l-irħula mbiegħda kienu qishom priġunieri maqtugħin għalihom b'ħafna fosthom li qajla f'għomorhom kollu raw il-Belt.

Mill-banda l-oħra kull min mill-ibliet imur b'xi wegħda li jkun għamel lżur lill-Madonna tal-Mellieħa jew b'xalata jitilqilha sa San Pawl il-Baħar, inkella sa Birżebbuġa, arah allura, bla ma jqis il-but, igħarraf kmieni lil min jieħdu biex minn jiem qabel iserraħ iż-żiemel u jekk ikunu jridu jaslu filgħodu, jaħsbu jitilqu ma' tul il-lejl, b'riżultat li aktar idumu sejrin u ġejjin milli jkollhom żmien joqogħdu hinn.

Kull min, imbagħad, l-ispejjeż ma jiflaħx għalihom, kien miskin ikollu jinqeda bil-"karrozza ta' San Franġisk", jiġifieri kien ikollu f'hekk bilfors riġlejh iħaddem.

Il-għamla ta' mezz ta' kumdità fit-traffiku li kellna fl-1870 kienet il-kaxxa, qisha qiegħ ta' kaless, magħmula tawwalija, b'bank kull naħa għal tnejn min-nies bis-sewwieq ħdejn saqajhom riekeb fuq is-salib wara ż-żiemel f'żewġ lasti twal poġġuti fuq roti li kienu jduru bil-fus b'kollox b'periklu ta' dawk li filkaxxa jistgħu jirfsuh wara li bi tbatija kbira jkunu fiha telgħu mill-bieba li kellha wara.

Għadda ftit taż-żmien sewwa li fih mhux ftit nies laħqu tbasktu bix-xemx tas-sajf kif ukoll ibbiesu bir-reżħa tax-xita u l-bard tax-xitwa, qabel ma ntħaseb li l-imsemmija kaxxa jkollha tinda li b'xi mod tkun tiswa ta' xi kenn għall-passiġġieri.